MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 2400/2002

**Atlas Insurance Agency Ltd u din bhala agenti Malta ta' AXA Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Said**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm225.21) billi fil-25 ta' Awissu, 2001 sehh incident awtomobilistiku fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem bejn il-vettura ABI 715 misjuqa mill-konvenut u l-vettura BAH 392 misjuqa minn Joseph Said, assikurat tas-socjeta'.**

**Billi s-socjeta' attrici hallset id-danni sofferti minn Joseph Said minhabba polza ta' natura "comprehensive", u dan fl-ammont indikat fl-avviz.**
**Billi ghalkemm responsabbli ghall-incident u konsegwenzjali dan l-konvenut irrifjuta li jhallas.**
**Talab li dan it-Tribunal, prevja dikjarazzjoni ta' responsabbli, jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm225.21. Bl-ispejjez u mghax mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' ittra ufficjali maghmula kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut fit-3 ta' Ottubru, 2002.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fid-19 ta' Novembru, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-attur, illi b'manjiera traskurata, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku qasam il-karreggjata tat-triq u mar "wrong way" meta seta' facilment jara illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qieghda taghmel manuvra ta' "reversing" sabiex tipparkja sewwa u ghalhekk ma setghetx tinduna bl-intenzjoni tal-attur illi jmur proprju in-naha l-hazina tat-triq. Illi per konsegwenza kien l-attur li ostakola ghal kollox il-karreggjata li fiha kien isuq l-esponenti, u ma ta' ebda opportunita` lill-esponenti illi jevita l-incident;**
**Minghajr pregudizzju ghas-suespost imbaghad, l-ammont ta' Danni reklamati mill-atturi hija esagerata ghall-ahhar stante illi l-ammont ta' Danni realment sofferti minnhom huwa ferm anqas minn dak mitlub;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Borg u Joseph Said. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Awissu, 2001 fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem bejn il-vettura numru BAH 392 misjuqa mill-attur u l-vettura ABI 715 misjuqa mill-konvenut.**

**2. L-incident sehh filwaqt illi l-attur li kien qed idur ghal gol Grand Hotel Garage safa milqut mill-konvenut li regga' lura ghal fuqu. Il-konvenut kien qed iregga' lura sabiex jipparkja l-karozza.**
**3. Jirrizulta illi l-konvenut kien halla l-karozza timxi lura wehidha fuq free biex jimxi fil-parkegg, apparti illi ma jiftakarx jekk ghamilx xi sinjal.**
**4. Jirrizulta li l-attur kien gej mill-faccata fil-karreggjata l-ohra tat-triq u necessarjament kellu jaqsam il-karreggjata illi fiha kien hemm il-konvenut sabiex jidhol fl-imsemmi garage.**
**5. Jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur kellha d-danni fil-bieba ta' quddiem tal-lemin, filwaqt illi l-vettura tal-konvenut kellha d-danni fuq wara fuq in-naha tal-lemin fuq il-bumper.**
**6. Minn apprezzament tal-fatti t-Tribunal jirrileva illi l-attur, gia ladarba l-konvenut ma ghamel l-ebda sinjal li kien ser jipparkja ma setax jipprevedi illi dana ser iregga lura. Fl-istess mod il-konvenut li kien ser iregga lura ma setax jipprevedi illi l-attur kien ser jikser minn warajh. Ghaldaqstant it-Tribunal hu tal-fehma illi ghal dan l-incident ir-responsabbilta' hija taz-zewg partijiet f'mod indaqs.**
**7. In kwantu d-danni illi sofra l-attur kienu jammontaw ghal mitejn hamsa u ghoxrin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm225.21) jigi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur biss l-ammont ta' mija u tnax-il lira u sittin centezmu (Lm112.60) salv hu mpregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-rimbors tas-sehem tieghu tad-danni subiti.**

**Ghaldaqstant qed isib lill-attur u lill-konvenut responsabbli f'mod ugwali ghall-incident de quo u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnax-il lira u sittin centezmu (Lm112.60) in linea ta' danni. Bl-imghaxijiet dekorribbli millum. Salv hu impregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-rimbors tas-sehem tieghu tad-danni subiti.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------